1 ta' Marzu, 1950

*Imħallef :*

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Sciberras *versus* Riccardo Bonnici et.

**Ċessjoni — Garanzija ta' l-Eżiġibilità — Eskussjoni — Art. 1559 (2) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Meta ċ-ċedent jiggarantixxi liċ-ċessjonarju mhux biss ir-realtà, imma anki l-eżiġibilità tal-kreditu ċedut, u l-kreditu ċedut ma jitħallasx minħabba insolvenza tad-debitur, iċ-ċedent huwa responsabili lejn iċ-ċessjonarju għall-prezz taċ-ċessjoni biss. U l-akkonti li jagħmel id-debitur għandhom jitnaqqsu mis-somma tal-prezz taċ-ċessjoni.*

*Meta l-Qorti tagħti s-sentenza li biha tikkundanna liċ-ċedent iħallas liċ-ċessjonarju l-prezz taċ-ċessjoni, tista' tassoġġetta l-eżekuzzjoni tas-sentenza fis-sens li tagħti liċ-ċedent żmien determinat biex jeżibixxi nota ta' beni tad-debitur li fuqhom issir l-eskussjoni,*

*akkompanjata minn depożitu li jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' l-eskussjoni.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi b'kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Ettore Francesco Vassallo fit-3 ta' Ottubru 1933, il-konvenut Bonnici ċeda lill-attur il-kreditu kontra l-konvenut Ellul ta' £58, dovuti għal prezz ta' laħam; illi fl-istess kuntratt il-konvenut Bonnici iggarantixxa favur tiegħu mhux biss ir-realtà, iżda anki l-eżiġibilità ta' l-istess kreditu fi kwalunkwe żmien sa l-effettiv pagament tas-somma msemmija; u illi l-konvenut Ellul ma huwiex solvibili, u ma ħallasx is-somma fuq imsemmija non ostanti diversi nterpellazzjonijiet għal dana l-fini; talab li, wara li jkunu premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji, u premessa speċjalment, okkorrendo, id-dikjarazzjoni illi l-kreditu ċedut ma huwiex eżiġibili minħabba fl-insolvenza tal-konvenut Ellul; u peress illi wara ittra uffiċjali li saret lill-konvenut Ellul fl-1 ta' Awissu 1946, dan Ellul ħallas £5. 11. 11 akkont ta' l-imgħaxijiet fuq is-somma fuq indikata; il-konvenut Riccardo Bonnici jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma fuq imsemmija ta' £58 għar-raġunijiet fuq indikati, bl-imgħax kummerċjali, wara li mis-somma ta' l-imgħax jitnaqqsu £5 .11. 11 imħallsin akkont kif intqal fuq. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, interpellati għas-subizzjoni. Bl-ispejjeż ukoll ta' l-ittra uffiċjali ta' l-14 ta' Ġunju 1948;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-kuntratt eżibit jirriżulta li l-konvenut Bonnici ggarantixxa mhux biss ir-realtà u l-eżistenza tal-kreditu minnu ċedut lill-attur, imma anki l-eżiġibilità tiegħu;

Illi din il-garanzija, kwantu għaż-żmien tagħha, ma taqax taħt id-dispost ta' l-art. 1560 Kap. 23, għaliex fil-kuntratt jingħad espressament li l-garanzija kienet tibqa' sseħħ "in qualunque tempo fino all'effettivo incasso di tale credito da parte del cessionario". Għalhekk, għar-rigward taż-żmien il-kontraenti "legem sibi dixerunt";

Illi l-insolvenza tad-debitur ċedut tirriżulta mill-fatt li fi sbatax-il sena ma għamelx ħlief il-pagamenti msemmijin fol. 16 tergo. Però, f'dan il-każ, il-Qorti sejra tadotta wkoll il-provvediment adottat mill-Qorti ta' l-Appell, in konferma ta' dak

adottat fil-prima istanza, fil-kawża "Attard vs. Fenech" 9 ta' Diċembru 1910;

Illi meta hemm garanzija tas-solvibilità, bħal f'dan il-każ, allura ċ-ċedent, b'liġi, ma hux tenut ħlief "sal-prezz taċ-ċessjoni (ara art. 1559 (2) Kap. 23 Ediz. Riv.). Veru hu li ċ-ċedent iggarantixxa l-eżiġibilità sa l-inkass effettiv tal-kreditu; imma dik l-istipulazzjoni tirrigwarda ż-żmien tal-garanzija, u tikkostitwixxi deroga għall-art. 1560, imma mhux għall-art. 1559 Kap. 23. Il-prezz taċ-ċessjoni f'dan il-każ kien ta' £45;

Illi għalhekk ir-responsabilità tal-konvenut ċedent Bonnici ma tistax tiġi estiża għal aktar minn din is-somma;

Illi peress li l-attur irċieva akkonti ta' £21. 10. 0, skond innoti tiegħu stess fol. 16 tergo, hu ċar li dawn l-akkonti għandhom jinqatgħu mis-somma li għaliha hu responsabili ċ-ċedent, salva r-responsabilità tad-debitur; għaliex il-ħlas tad-debitur għandu jnaqqas mill-piż tal-garanzija, peress li dik il-garanzija hi appuntu relativa għall-kapaċità tad-debitur li jħallas jew le. Hemm raġuni oħra li turi li l-pagamenti akkont għandhom jitnaqqsu mis-somma li għaliha hu responsabili ċ-ċedent (ċjoè l-prezz taċ-ċessjoni), u hi din: il-liġi, meta qalet fl-art. 1559 (2) Kap. 23 illi ċ-ċedent, f'każ ta' garanzija tas-solvibilità, għandu jkun responsabili biss tal-prezz taċ-ċessjoni, kienet verosimilment qiegħda tikkontempla l-ipotesi ta' debitur ċedut "li ma jħallas xejn" mill-kreditu;

Illi għalhekk il-konvenut Bonnici hu responsabili biss tal-bilanċ, ċjoè għal £23. 10. 0 u għall-imgħax kummerċjali minn mindu l-attur ħareġ dik is-somma ta' £45, ċjoè mit-3 ta' Ottubru 1933, kalkolabili "a scaletta" skond id-data tal-pagamenti akkont fol. 16 tergo;

Għalhekk tiddeċidi:

Billi tilqa' d-domanda għas-somma biss ta' £23. 10. 0 u għall-imgħax kif fuq indikati; b'dan illi din is-sentenza ma tkunx tista' tiġi eżegwita jekk, żmien għaxart ijiem mil-lum, il-konvenut Bonnici jippreżenta, wara l-attijiet ta' din il-kawża, nota li fiha jindika b'gurament f'idejn ir-Reġistratur beni tad-debitur, ċjoè tal-konvenut l-ieħor Ellul, li jistgħu jiġu eskussi mill-attur, u jiddepożita f'idejn l-attur, għall-ispejjeż ta' dina l-eskussjoni, is-somma ta' £10. Fil-każ li din in-nota tiġi preżentata u d-depożitu jsir, il-Qorti tirriżerva tirrendi eżegwi-

bili din is-sentenza fuq rikors ta' l-attur, fil-każ ta' eżitu negativ ta' l-eskussjoni. Jekk in-nota ma tiġix preżentata, jew id-depożitu ma jsirx, allura s-sentenza tista' tiġi eżegwita bħas-soltu;

L-ispejjeż, ħlief dawk tal-konvenut Ellul, li jbatihom hu, jiġu sopportati mill-attur u l-konvenut Bonniċi fil-proporzjon tar-rebħ u t-telf. Salvi favur l-attur id-drittijiet tiegħu kontra l-konvenut Ellul.

---